Dr. Fiorella

FILED
25 JUL 2022
OFFICE OF THE STATE ADVOCATE

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

**Fl-Atti tal-ittra uffiċjali numru: 2876/2022 fl-ismijiet:**

**REPUBBLIKA**

**vs**

**Avukat Ġenerali**

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali risponsiva, filwaqt li jagħmel referenza għall-ittra ppreżentata minn REPUBBLIKA (LPA-122 u VO 1670) fil-5 ta' Lulju 2022, l-esponent Avukat Ġenerali qed jirrespinġi bil-qawwa kollha kull pretensjoni vantata minnek għar-raġunijiet li ġejjin:

Illi fl-ewwel lok, il-mittenti m'għandhiex *locus standi* fil-proċeduri li trid tibda skont l-artikolu 469B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex REPUBBLIKA ma tikkwalifikax bħala l-"parti offiża" ai termini tal-istess artikolu;

Illi fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti u *dato ma non concesso* li l-mittenti tikkwalifika għal "parti offiża" din id-darba ai termini tal-artikolu 541(4)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti kellha rimedju ordinarju a dispożizzjoni tagħha skont dan l-artikolu qabel ma tmexxi bil-preżenti ittra uffiċjali, fejn fi żmien xahar minn meta REPUBBLIKA kienet taf jew setgħet tkun taf bid-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni, hija setgħet titlob lill-Avukat Ġenerali nnifsu bil-miktub biex jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni. Dan ir-rimedju ma ġiex utilizzat mill-mittenti. Ġaladarba l-proċedura skont l-artikolu 541(4) ma ġietx segwita kif meħtieġ bl-eżawriment l-ewwel u qabel kollox tar-rimedju pprovdut bil-Kap.9, il-proċedura preżenti ai termini tal-Kap. 12 ma tistax tissussisti;

Illi fil-mertu, u dejjem bla preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tal-mittenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex il-mittenti qed tasal għal konklużjonijiet mgħaġġla u għalhekk fallaċi b'konsegwenza li qed tħammeġ u tkasbar inġustament bi kliem dispreġġjattiv u bla bażi lill-Avukat Ġenerali u dan ma jista' qatt jiġi aċċettat speċjalment tenut kont tal-fatt li l-kariga tal-Avukat Ġenerali tipprovdi għaliha l-Kostituzzjoni u timmerita kull rispett u fiduċja;

Illi l-mittenti qed titfa' attakki fuq l-Avukat Ġenerali mingħajr għarfien sħiħ tal-fatti u tax-xogħol li qed isir min-naħa tal-esponent u b'dispjaċir jinnota li l-mittenti qed tibbaża l-argumenti tagħha fuq konġetturi;

Illi jrid jiġi enfasizzat li d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali hija kemm raġonevoli kif ukoll imsejsa kif jixraq fuq konsiderazzjoni ta' liġi. Assolutament mhux minnu li l-esponent qed tiġi taqa' u tqum minn/tisfida, tinjora u tiddisprezza dak li ordnalha l-Maġistrat Inkwirenti. In fatti, ta' min jgħid li l-esponent ħa azzjoni immedjata minn fejn irriżulta li numru ta' persuni msemmija fl-ittra uffiċjali tal-mittenti, ma joqogħdux jew m'humiex preżenti f'Malta. F'dan ir-rigward, fil-konfront ta' persuni li jkunu jirrisjedu barra minn Malta, minkejja li l-Istat Malti jkun bagħat talba għat-treġġigħ lura lejn Malta ta' tali persuni biex ikunu jistgħu jgħaddu minn proċess kriminali, madanakollu, tali treġġigħ lura jiddependi minn diversi fatturi fosthom: il-lokalizzar fil-pajjiż esteru tal-persuna; u l-proċedura ġudizzjarja li ssir fil-pajjiż barrani sabiex il-persuna titreġġa' lura. Ġaladarba persuna ma tinstabx f'Malta, l-ebda akkużi ma jistgħu jinħarġu kontra tali persuna – dan mhux għax l-esponent mhux jagħmel xogħlu iżda għaliex, minkejja t-tħaddim tal-liġijiet relevanti, il-persuna ma tkunx għadha nstabet. Dawn id-diffikultajiet serji ma jkunux mgħarrfa lill-poplu u dan sabiex il-persuna ma tingħatax pre-avviż li l-awtoritajiet ta' pajjiż ikunu qegħdin ifittxuha sabiex titressaq il-qorti u b'hekk jiġi evitat li l-persuna tkompli timxi minn pajjiż għall-ieħor. Dan iżda jwassal sabiex wieħed jasal għal deduzzjonijiet żbaljati minħabba nuqqas ta' informazzjoni, liema

informazzjoni ma tistax tiġi żvelata lil kull min tiġih il-kurżita' u huwa għalhekk li hemm l-obbligu li l-persuna li tistħarreġ deċiżjoni tal-esponent għandha tkun il-parti offiża;

Barra minn hekk, f'każ li l-Pulizija tkun sabet informazzjoni ġdida, din tkun trid tiġi nvestigata u mgħarbla qabel ma persuna titressaq akkużata b'reat u dan sabiex jissaħħaħ aktar il-każ; u f'każ li jinstab it-twettiq ta' reati oħra, il-Prosekuzzjoni timxi b'kawtela sabiex ma tiġix rinfaċċjata bl-argument tan-*ne bis in idem;*

Illi għalhekk, permezz tal-preżenti, l-esponenti qed jiddifidak milli tkompli bi proċeduri ulterjuri fil-konfront tiegħu.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek. Bl-ispejjeż.

Heidi Testa B.A., L.P.
Prokuratur Legali
Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat

**Av. Fiorella Fenech Vella**
*Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat,*
*16, Casa Scaglia, Triq Mikiel Anton Vassalli,*
*Il-Belt Valletta*

**Prokuratur Legali tar-Repubblika**

**Mittenti: L-Avukat Ġenerali, Admiralty House, 53, Triq in-Nofsinhar, il-Belt Valletta.**

**Intimat/Notifika: REPUBBLIKA, 29, Pjazza tal-Knisja, l-Imqabba.**